MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2012

Numru. 883/2005

Il-Pulizija
(Sp Chris Pullicino)
vs
Anthony Schembri, iben Emanuel, imwieled Birkirkara fid-19 ta’ Awwissu, 1944, karta ta’ l-identita numru 715844(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fl-Isptar San Luqa, Pieta’, fid-29 ta’ Settembru, 2005 għal ħabta ta’ nofsinhar, dolozament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Dolores sive Doris Schembri f’perikolu ċar, taha diversi daqqiet ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta u ikkaġunalha l-mewt;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li huwa kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, f'diversi bbnadi f'dawn il-Gżejjer zamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, wara li nstab ħati b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Semgħet il-provi.

Illi waqt il-mori ta' din il-kawża l-Qorti ġiet infurmata li l-imputat miet.

Rat iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-imputat eżebit fl-atti ta' din il-kawża mill-Prosekuzzjoni minn fejn jirrizulta li l-imputat miet fid-29 ta' Marzu, 2012.

Għaldaqstant, in vista tal-fatt li l-imputat miet fil-mori tal-kawża tiddikjara l-proċediment estint.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------